HAL BALZAN

IT-TMIEN SENA Nru. 44. NOVEMBRU/DIĊEMBRU 1978

EDITORJAL

PIKI U PARTITI FIR-RAHAL MALTI

Fl-istorja soċjali ta' pajjiżna, l-element parrokkjali huwa wieħed qawwi ħafna. Dan jitnissel mill-imħabba u l-ġibda qawwija li kull wieħed u waħda minna nħossu lejn il-belt jew raħal fejn inkunu twelidna u trabbejna. Jiġri li nħossuna tant kburin b'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-post fejn inkunu ħsilna rasna li għalina l-knisja tagħna m'hawnx isbaħ minnha, il-festa tagħna żgur l-aqwa waħda, fin-nar ħadd ma jgħaddina, it-tim tagħna ħaqqu jirbaħ, dejjem insomma fejn tagħna ma joqgħod ħadd. L-imħabba lejn raħal twelidna xi drabi twassalna biex niċħdu s-sewwa u naslu saħansitra biex dak li hu abjad insejħulu, jekk mhux ukoll nibdew narawh, iswed.

Il-parrokkjaliżmu f'pajjiżna ħa diversi għamliet. Issib bliet u rħula ppikati u forsi wkoll ma jitħamlux bejniethom, jew għax ġirien jew għax forsi parroċċa tkun ħarġet mill-oħra. Xi drabi l-pika ssibha fl-istess raħal, bejn il-partitarji ta' qaddis u l-partitarji ta' qaddis ieħor, jekk mhux ukoll ta' l-istess Madonna taħt titoli differenti. Issib pika wkoll bejn każin u ieħor, forsi fuq festa waħda. Kull belt u raħal f'Malta u Għawdex għandhom il-ġrajja tagħhom ta' dan ix-xorta ta' tilwim parrokkjali li xi drabi ħalla effetti koroh u xejn mixtieqa.

Din hija x'aktarx ġrajja ta' l-imgħoddi, meta l-poplu Malti ma kellu xejn fiex jedha, meta l-injoranza kienet għadha wisq kbira f'pajjiżna, u forsi meta t-tolleranza konna nafu xi tfisser ftit inqas mil-lum. Il-lum il-folja bdiet tinqaleb — għalkemm mhux għal kollox — u l-parrokkjaliżmu f'pajjiżna naqas sew, tneħħi xi erba' fanatiċi li aktar itik li tikkumpatihom milli tikkundannahom. Il-ġenerazzjoni żagħżugħa ilha li ntebħet li dawn il-piki bla sens ilu li għadda żmienhom.

Hal Balzan ukoll għandu l-istorja tal-parrokkjaliżmu tiegħu, li min hu ftit anzjan jiftakarha tajjeb. Għall-grazzja t'Alla, l-element parrokkjali ta' rivalità bejn ir-ħula ġirien tista' tgħid li ntesa; biss irridu noqogħdu ferm attenti biex dan l-element b'mentalità dejqa u moħħ magħluq ma jerġax jerfa' rasu taħt xi forma oħra .Irridu noqogħdu wisq attenti biex ma jkunx hemm qsim u firdiet. Hal Balzan huwa raħal żgħir u raħal wieħed. M'hemmx ta' fuq u ta' isfel; m'hemmx aħna u intom. M'hemmx każin aħjar mill-ieħor, jew wieħed jaħdem għall-festa aktar mill-ieħor. Aħna nafu li ż-żewġ każini li għandhom fi ħsiebhom il-festa esterna — il-Każin Marija Annunzjata u l-Każin San Gabriel — it-tnejn twaqqfu bi skop wieħed: li jkabbru l-festa ta' Marija Annunzjata, il-patruna tagħna. Dan il-għan tagħhom dejjem qdewh tajjeb, u forsi f'din il-ħeġġa li minn sena għal sena juru biex tikber il-festa titulari li jista' jinbet dak l-element parrokkjali fl-istess raħal u għall-istess festa.

Hemm bżonn niftħu għajnejna u ningħaqdu lkoll flimkien — kleru, mexxejja ta' każini u għaqdiet, u poplu — u nagħtu eżempju ta' aktar maturità u responsabbiltà. Hemm bżonn inħarsu lejn il-festa ta' l-Annunzjata b'sens aktar reliġjuż u ta' għaqda fostna, u nkomplu nagħmlu mill-festa tagħna festa kbira, li tixraq lill-Madonna u fl-istess ħin tferraħ lilna u tkun ta' mudell għal festi oħra fil-gżejjer tagħna. Naħsbu li jkun pass tajjeb 'il quddiem li l-programm tal-festa jitħejja u jitfassal minn kummissjoni ta' nies li tkun tirrappreżenta liż-żewġ każini u nies oħra li l-festa tinteressahom mill-qrib, dejjem taħt it-tmexxija tal-kappillan. B'hekk jiġi evitat li fl-istess festa jkun hemm żewġ attrazzjonijiet fl-istess ħin f'partijiet differenti tar-raħal. Nittamaw li dan is-suġġeriment jittieħed bis-serjetà u jiġi studjat miż-żewġ każini, li forsi wkoll jaslu illi jwettquh mis-sena li ġejja.

NIXTIEQU MILIED QADDIS U HIENI U SENA MIMLIJA ĠID U BARKA LILL-BALZANIN U L-QARREJJA KOLLHA.

INTERVISTA MA'

SACERDOT FL-AWSTRALJA

Is-sajf li għadda kien hawn fostna s-saċerdot Balzani Dun Joe Grech, li ġie għal btala qasira f'pajjiżu wara erba' snin jaħdem qalb l-emigranti fl-Awstralja. Fr. Joe kien ġie ordnat qassis fil-Knisja Parrokkjali ta' Hal Balzan mill-Isqof Ġużeppi Mercieca, dak iż-żmien Vigarju Ġenerali, nhar it-30 ta' Novembru 1974. (Ara "Hal Balzan" Nru. 21, Jannar/Frar 1975). Kif kien hawn magħna, Fr. Joe kellimna fuq l-esperjenzi tiegħu fl-Awstralja, esperjenzi li qed ngħadduhom lill-qarrejja tagħna.

(1) Father Joe, tista' tgħidilna x'kienet il-ħidma tiegħek tul dawn l-erba' snin li ilek nieqes minn Malta?

Prinċipalment, il-ħidma tiegħi hi li flimkien ma' qassis ieħor nieħdu ħsieb ta' parroċċa ta' 'l fuq minn għaxart elef ruħ. Barra x-xogħol li kulħadd jaf li l-qassis jagħmel, bħal qrar, tqarbin, magħmudijiet, żwiġijiet, quddies u affarijiet oħra, aħna nagħtu importanza enormi li niffurmaw in-nies b'tagħlim sod. Dana jsir billi kull nhar ta' Hamis għandna 'prayer meeting' speċjali li jiġu għalih mal-mitejn ruħ. Waqt dan il-'prayer meeting' aħna nagħtu tagħlim mill-Bibbja b'mod u manjiera li n-nies stess jistgħu jirrepetuh lil min ikunu jafu. Per eżempju għandna nies li għandhom taħt idejhom l-apprentisti li jirranġaw il-ferroviji. Dawn ma jibżgħux jitkellmu fuq ir-reliġjon, u jirrispondu d-domandi li jistgħu jagħmlulhom. Għandna nisa li tant spikkaw f'ċerta maturità u qdusija kristjana li nisa oħra jmorru għandhom biex jitolbu magħhom. Għandna grupp ta' nies li meta jinqala' xi ħaġa, bħal meta l-omm jew il-missier jitlaq mid-dar, jew inkella l-omm tkun tinsab marida bi problema ta' min se jieħu ħsieb id-dar, huma stess jiltaqgħu flimkien u jaraw kif bħala familja waħda se jsolvu din il-problema.

Ukoll billi fl-Awstralja daħlet is-sistema li jqarbnu n-nies stess, aħna ninkoraġġixxu ħafna li jekk ikun hemm xi ħadd id-dar marid, xi ħadd minn tal-familja stess imur iqarbnu, speċjalment il-Ħadd. Ħaġa oħra li qiegħda għal qalbna ferm hija li koppji mill-Parroċċa tagħna qegħdin iħejju lill-għarajjes, speċjalment kif igħixu l-ħajja ta' miżżewġin insara. Dan huwa importanti ħafna, il-għaliex billi aħna m'aħniex miżżewġin ċerti affarijiet aħna l-qassisin ma nifhmux fihom. Imbagħad għandek iż-żgħażagħ, li norganizzawlhom l-attivitajiet tagħhom; l-iskola fejn għandna 'l fuq minn erba' mitt tifel u tifla, u anke l-attivitajiet soċjali l-oħra li norganizzaw biex kulħadd jiddeverti flimkien, bħal tombla, 'dances', u ballijiet. Dawn l-affarijiet in-nies stess jorganizzawhom. Ħaġa oħra li bdejna wkoll hi li f'Ġunju għandna l-festa ta' Sant'Antnin għat-Taljani u f'Settembru l-festa tal-Vitorja għall-Maltin, l-aktar nies li nħabbtu wiċċna magħhom matul is-sena.

(2) Li kellek tqabbel il-knisja f'pajjiżna mal-knisja fl-Awstralja, tħoss li hemm differenzi kbar?

L-ewwelnett irrid nagħmilha ċara li f'dik li hi duttrina

għal paġna 4

IL-PAPA ĠWANNI PAWLU II



"Ħuti, tibżgħux tilqgħu lil Kristu u taċċettaw is-setgħa tiegħu ... Tibżgħux. Kristu biss jaf x'hemm fil-bniedem. Hu biss jaf x'hemm." Hekk talabna l-Papa Ġwanni Pawlu II nhar il Ħadd, 22 t'Ottubru, jum l-inawgurazzjoni tal-pontifikat tiegħu. Karol Wojtyla, il-Papa Pollakk li għadda minn bosta esperjenzi: ħaddiem f'fabbrika tal-kimiċi, għalliem fl-Università ta' Lublin, Arċisqof ta' Krakow; bniedem ta' kultura vasta, enerġiku u ħabrieki; devot kbir tal-Madonna; bniedem li tgħallem x'jiġifieri tbati biex tistqarr 'il Kristu. Lil Ġwanni Pawlu II insellmulu, nifirħulu, inwegħduh l-ubbidjenza tagħna, u nitolbu 'l Alla għalih.

"HAL BALZAN"

Toħroġ kull xahrejn mill-
BORD EDITORJALI — "HAL BALZAN"

C/O Każin tal-Banda
"San Gabriel"
Ħal Balzan.

Stampata fil-
Lux Press
Hamrun.

X'ĠARA FOSTNA

SETTEMBRU 1978

Nhar il-Ħadd, 3 ta' Setembru, Dun Ġwann Zammit Hammet iċċelebra għeluq il-ħamsa u għoxrin sena ta' l-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu b'quddiesa solenni fil-knisja parrokkjali. Ikkonċelebraw miegħu l-Kappillan u l-kleru tal-Parroċċa, kif ukoll il-Kan. S. Sammut, il-Kan. M. Magri, il-Kan. V. Borg, u l-Kan. A. Zammit Gabarretta. Il-Wisq Rev. A. Xuereb, Kappillan ta' Ħal Lija, niseġ il-paneġierku għall-okkażjoni. Għaċ-ċerimonja, attendew għadd kbir ta' Balzanin u mistednin oħra, fosthom bosta persuni distinti.

Okkażjoni sabiħa oħra għall-Parroċċa kienet il-quddiesa kantata konċelebrata li qaddes fil-knisja parrokkjali nhar il-Ħadd, 24 ta' Settembru, Mons. Andrè Marie Deskur, il-President tal-Kummissjnoi Pontifiċja għall-Mezzi ta' Komunikazzjoni Soċjali. L-Isqof Deskur kien hawn Malta biex jieħu sehem fil-festi ta' għeluq il-ħamsin sena tal-ġurnal Kattoliku Malti "Leħen is-Sewwa". Tul iż-żjara tiegħu f'pajjiżna, Mons. Deskur qagħad fil-villa ta' Dun Ġwann Dimech f'Ħal Balzan.

Il-Ġimgħa, 29 ta' Settembru, fil-għodu kmieni ġriet maddinja kollha l-aħbar għal għarrieda tal-mewt tal-Papa Ġwanni Pawlu I, li ġrat il-jum ta' qabel fil-għaxija tard. Ħal Balzan malajr ingħaqad fil-luttu u fit-talb għal dan il-Papa twajjeb u qaddis li fi ftit ġranet irnexxielu jisraq il-qlub ta' kulħadd. Kont tara bnadar jittajru mezz'asta u każini u djar magħluqin nofs bieba. Fil-Parroċċa tħassret il-purċissjoni ta' San Mikiel Arkanġlu, li kellha ssir il-Ħadd ta' wara, l-1 t'Ottubru.

OTTUBRU 1978

Il-festa tal-Madonna tar-Rużarju ġiet iċċelebrata fil-Parroċċa nhar il-Ħadd, 8 t'Ottubru. Wara l-kant tal-għasar, ħarġet il-purċissjoni li fiha ħa sehem il-poplu kollu. Fi tmiem il-purċissjoni, ħarġet il-quddiesa, bl-omelija minn Dun Anġelo Vella, Segretarju għall-kleru fil-Kurja.

Nhar l-Erbgħa, 11 mix-xahar, fil-knisja parrokkjali saret il-quddiesa funebri għal ruħ il-Papa Ġwanni Pawlu. F'kelmtejn ta' l-okkażjoni, Patri Gwido Schembri O.F.M. faħħar il-virtujiet sbieħ ta' dan il-Papa, virtujiet li tant spikkaw minkejja l-pontifikat qasir tiegħu.

Il-quddiesa għall-elezzjoni tal-Papa l-ġdid kellha ssir nhar it-Tnejn, 16 t'Ottubru, fil-għaxija. Iżda billi għall-ħabta tas-6.15 p.m. tħabbar uffiċjalment li l-Papa kien ingħażel, il-quddiesa tqaddset b'ringrazzjament lil Alla talli għoġbu jagħtina Papa ġdid. Wara jumejn ta' talb f'konklavi, il-Kardinali għażlu lil Karol Wojtyla, Arċisqof ta' Krakow fil-Polonja, biex ikun is-suċċessur ta' Pietru. Huwa ħa l-isem ta' Ġwanni Pawlu II.

Għal sena oħra, il-poplu ta' Ħal Balzan reġa' wera l-ġenerożità tiegħu fil-ġbir għall-missjoni. Din is-sena, il-Ġurnata Missjunarja saret nhar il-Ħadd, 22 t'Ottubru. Il-ġbir mill-boroż tat-tfaddil, mill-knisja, mill-kunventi tas-sorijiet, mill-każini u mill- 'badges' b'kollox laħaq is-somma sabiħa ta' £M653.15ċ.

Fl-aħħar ġimgħa t'Ottubru, il-Museum tas-subien organizza Ġimgħa Liturġika għall-membri u l-poplu kollu. Fost l-attivitajiet ewlenin, ta' min isemmi laqgħa speċjali għall-ġenituri tat-tfal, diskussjoni għall-katekisti tal-Parroċċa, diskussjoni għaż-żgħażagħ, laqgħa għall-kbar, kif ukoll ċelebrazzjoni komunitarja tal-Qrar, u Quddiesa bis-sehem tat-tfal fil-qasam tal-Museum. Din il-Ġimgħa seħħet bil-koperazzjoni u l-interess kbir ta' Patri Ġwann Frendo, Dumnikan, li huwa speċjalista fil-qasam tal-liturġija.

VITAFOAM
ISEM TA' GARANZIJA
PRODOTTI:
SAQQIJIET
IMHADED
CUSHIONS U AFFARIJIET
OHRA TAL-FOAM
Irrikorru:
VITAFOAM MALTA LIMITED
INDUSTRIAL ESTATE, SAN GWANN (B'KARA)
Telephone: 36275/76

IL-KNISJA PARROKKJALI (32)

TAR-RUZARJU

F'Settembru tal-1829 il-Knisja Parrokkjali ġiet imbajda kollha u l-prokuraturi tar-Rużarju kellhom joħorġu s-sehem tagħhom li laħaq 68 skudi. (1)

Nhar is-26 ta' Jannar 1832, il-pittur Pawlu Grech irċieva minn għand il-prokuratur Dun Salv Sammut 36 skud għall-kwadru ta' l-artal tar-Rużarju. (2)

Nhar id-9 ta' Ġunju 1837, f'Malta bdiet il-marda kiefra tal-kolera. Din il-marda kienet ġdida għal Malta u f'erba' xhur qerdet 4,000 ruħ. Nhar it-23 ta' Ottubru ta' l-istess sena, fil-knejjes kollha tad-Djoċesi, tkanta l-Innu ta' Radd il-Ħajr għax il-marda tal-kolera kienet intemmet. (3)

Meta bdiet dik il-marda, il-Balzanin mill-ewwel talbu lill-Madonna tidħol għalihom u teħlishom minn dik il-kolera u saħansitra nafu li xi devoti offrew xi oġġetti għeżież tagħhom taddeheb u tal-fidda lill-Madonna tar-Rużarju bħala wegħdi. (4)

Il-kwadru li naraw illum fuq l-artal tal-Madonna tar-Rużarju tpitter mill-magħruf pittur Ġużeppi Calì fis-sena 1892 u ħallas għalih il-prokuratur ta' l-artal Pietru Pawl Frendo, kif tixhed il-kitba li hemm fuq l-inkwatru.

Iż-żewġ gastri tal-ġebel li naraw fuq il-prospettiva ta' l-artal saru fl-1894 mill-iskultur Mastru Ġużeppi Vella mir-Rabat. (5)

Erba' snin wara, fl-1898, il-prospettiva kollha ġiet irranġata minn Mastru Ġużeppi Vassallo u x-xogħol ta' l-iskultura ġie ndurat mill-induratur Ġużeppi Bartoli. (6)

Meta ġiet irranġata l-prospettiva ta' dan l-artal, dawk il-kwadretti li kien hemm madwar il-kwadru tar-Rużarju u jirrappreżentaw il-ħmistax-il misteru tneħħew bħal ma kienu tneħħew ukoll il-Misteri tal-Passjoni minn madwar il-Kurċifiss fl-artal tal-faċċata u t-tlieta li kienu madwar il-kwadru ta' San Mikiel. Illum tnejn minn dawk il-kwadretti tal-Misteri tar-Rużarju jidhru mkabbrin ftit u qegħdin fil-prospettiva ta' l-artal tal-Karmnu u dak tad-Duluri.

Fl-1902 l-arġentier Roberto Cannataci ħadem żewġ brazzi tal-fidda għal ħdejn l-artal. (7)

F'April ta' dik is-sena nxtraw għall-artal sitt vażetti ta' l-alabastru u s-sorijiet ta' Sant'Ursola ħadmu sitt fjuretti għalihom. Saru wkoll sitt gandlieri u salib u ġew arġentati mill-induratur Ġużeppi Bartoli. Fl-1903 saret il-loppa tal-lampier mill-iskultur Pawlu Bugeja u ġiet indurata minn Ġużeppi Bartoli. Id-drapp u l-ħjata ħadet ħsiebhom Marjann Mallia. (8)

Fl-1904 saru sitt gandlieri oħra u ġew indurati mill-istess Ġużeppi Bartoli u saru wkoll sitt fjuretti u nħadmu minn Ġużeppi Vella. (9)

Fl-1932 saru t-tliet twieqi li hemm f'dan il-kappellun u l-ħġieġ ikkulurit tagħhom inxtara minn għand Gio Batta Abela. (10)

Dan l-artal tal-Madonna tar-Rużarju Mqaddes ġie kkonsagrat minn Mons. Arċisqof Metropolita Mikiel Gonzi nhar id-19 ta' Jannar 1953 u fil-qabar tqiegħdu r-relikwi tal-Martri San Simpliċju u ta' Santa Mansweta.

SILTIET MILL-ISTORJA TA' HAL BALZAN
Tiftix u kitba ta'
DUN ĠWANN DIMECH

ĦWEJJEĠ OĦRA

Fil-Viżta Pastorali ta' l-Isqof P. Alpheran, li għamel lill-Knisja Parrokkjali nhar l-1 ta' Mejju 1736, insibu li kien talab lill-fratellanza tar-Rużarju biex tagħti s-somma ta' 55 skud bħala kontribuzzjoni għas-sedji tal-kor tal-Knisja. (11)

Mis-sena 1749 il-fratellanza tat kontribuzzjoni ta' 25 skud biex tkun tista' ssir l-isfera tal-fidda. (12)

Nhar il-5 ta' Diċembru 1769 għand in-Nutar Giamalva sar kuntratt bejn il-prokuratur Gio Marija Falzon u l-arġentier Franġisku Arpa mill-Belt biex jaħdem żewġ anterni tal-fidda ta' Ruma fuq id-disinn bħal dawk tal-Belt Pinto (Ħal Qormi). Dawn l-anterni saru u tħallsu nhar it-8 ta' Mejju 1770 bis-somma ta' 383 skud 9 tari' u 5 grani. (13)

F'Marzu 1778 il-prokuraturi Franġisku Magri u Gio Marija Falzon ħallsu 65 skud, 3 tari' u 10 grani għal żewġ kuruni tal-fidda għall-istatwa tar-Rużarju, waħda għal ras il-Madonna u l-oħra għal fuq ras il-Bambin. (14)

F'Diċembru tal-1793, fit-tarf ta' fuq tal-lasta ta' l-istandard, tqiegħdet statwa żgħira tal-Madonna. (15)


F'Ottubru tal-1794, jissemmew it-tmien kuruni tar-Rużarju li ngħataw lir-reffiegħa ta' l-istatwa waqt il-purċissjoni li saret fil-festa tal-Madonna tar-Rużarju. (16)

Fi Frar 1797 saret il-lasta ġdida għall-istandard. Din saret tal-fidda, u ħadimha l-arġentier Mastru Salv Letard. Din qamet 174 skud, tari' u 10 grani. Aktar tard, f'Awissu ta' l-istess sena, l-istess arġentier irċieva 279 skud u 4 tari' u 10 grani għal-lasti tal-fidda ta' erba' anterni. (17)

F'Jannar 1876 l-arġentier Pawlu Busuttil ħadem inċensier tal-fidda għall-fratellanza tar-Rużarju. (18)

F'Ottubru 1878 il-Kurċifiss tal-fratellanza kien lest. Ħadem il-korp tal-fidda l-arġentier Roberto Cannataci, is-salib ta' l-abbanu ħadmu l-mastrudaxxa Vincenzo Gauci, u l-ornament

● għal paġna 3



IL-FESTA TITULARI 1978

Għeżież Balzanin,

Erġajna għal darb'oħra ċċelebrajna flimkien festa Balzanija, festa li bla dubju ta' xejn kienet ferm aqwa minn dik tas-sena l-oħra. Dan, fl-opinjoni tagħna, kien għal żewġ raġunijiet. L-ewwel il-għaliex żidna t-tiżjin fid-dawl. Qegħdin nirreferu għall-brazzi li nħadmu mid-delittanti tal-Każin tal-Banda San Gabriel u li ntramaw fit-triq ta' quddiem il-knisja. Mill-banda l-oħra l-festa kienet ikbar għax qatt daqs din is-sena Ħal Balzan ma ra daqshekk turisti, l-aktar lejlet u nhar il-festa. Dan lilna jagħtina gost għax kemm-il darba enfasizzajna li l-festa tagħna li tiġi organizzata bir-reqqa miż-żewġ każini, għandha tkun festa turistika, anzi għandha tibda tiġi magħrufa hekk.

Bħas-soltu l-festa bdiet bil-ħruġ tal-vara min-niċċa. Hawnhekk ma jistax ma jolqotniex l-entużjażmu ta' lajċi u qassisin li kollha kemm huma jiddeffsu taħt il-bsaten biex ikollhom ċans jerfgħu ftit il-Madonna sakemm tasal fuq il-bankun. Din hija dehra waħdanija fil- festa kollha u hija wkoll l-iktar waħda informali. Ta' min isemmi hawnhekk li aħna nagħmlu festa oħra waqt il-ħruġ tal-vara min-niċċa. Din hija l-festa ta' San Valentinu. Din is-sena, taħt id-direzzjoni tal-prokuratur tagħha r-Rev. Dun Ġwann Zammit Hammet, nistgħu ngħidu li kienet suċċess kbir u aħna rridu ngħidulu prosit minn qalbna.

Nerġgħu għall-festa titulari. Nistgħu ngħidu li ma saru l-ebda attivitajiet fl-ewwel u t-tieni tridu, għajr il-mixegħla ġenerali tat-toroq u tal-każini, però bħal dejjem it-tielet tridu jkun ħaj u briju u bla dubju ta' xejn ifakkar lix-xjuħ tagħna fil- marċijiet ta' żgħożithom. It-tisfir tas-sfafar, it-tidwir tal-ġerasuri u l-isparar tal-fjammi flimkien mad-daqq tal-marċi u l-għagħa tal-folla kbira ta' nies, magħquda mad-dawl tal-fustuni u tal-brazzi, jagħmlu s-sisien tal-festa tradizzjonali Balzanija. Kienu sbieħ il-marċijiet brijużi bla ġlied, bit-trabi fuq l-idejn u ż-żgħażagħ jiżfnu u jkantaw lebsin bil-flokkijiet taż-żewġ każini u jxejru l-bnadar f'idejhom.

Wara l-marċ, imbagħad, Ħal Balzan inġabar ħdejn il-knisja biex jara l-irdieden maħdumin minn Abraham Muscat li t-tidwir tagħhom kien stupend fil-veru sens tal-kelma.

Is-Sibt lejlet l-festa kellna s-sorpriża tagħna. Numru kbir ta' turisti ħonqu lil Ħal Balzan u mlew il-Knisja. Rajna wkoll xi wħud minnhom jakkompanjaw iż-żewġ marċijiet taż-żewġ każini u attenti għaż-żewġ programmi li taw iż-żewġ każini rispettivament. Ħadna gost narawhom iduru mat-toroq jiddiskutu l-armar u jieħdu ritratti tiegħu, kif ukoll jieqfu jisimgħu l-baned. Oħrajn imlew il-bjut tal-każini biex jaraw in-nar ta' l-art maħdum tant b'sengħa u ħila minn Pawlu Muscat. L-introduzzjoni tal-loud-speakers waqt l-innu hija ideja tajba u għandha tibqa' ssir kull sena. Il-murtali tal-kulur maħduma mid-delittanti Balzanin taħt it-tmexxija ta' Valentino Azzopardi kien tajjeb ukoll u aħna ħadna gost għax l-isforzi tagħhom li jaħdmu għal sena sħiħa ma kinux ta' xejn.

Nhar il-festa filgħodu, il-Każin Marija Annunzjata organizza marċ brijuż ferm. Kien sabiħ biż-żgħażagħ iduru, libsin il-brieret u jxejru l-imkatar u umbrelel flimkien mal-ħruq tan-nar. Ġew mogħtija wkoll it-trophies lill-istess każin mid-Ditta Muscat Flora, mill-Każin tal-M.L.P. u oħra mingħand Benny Antiques.

Nhar il-festa filgħaxija kellna wkoll is-sorpriża tat-turisti. Għalkemm issa drajniehom fil-festa tagħna, madanakollu nerġgħu ngħidu li qatt daqs din is-sena ma rajna numru daqshekk kbir. Bdew jiġru ma' kullimkien jikkummentaw u jieħdu r-ritratti. Ħadna gost narawhom l-iktar meta rajna xi Balzanin ikellmuhom u jispjegawlhom x'inhu jiġri. Din is-sena wkoll saru xi intervisti lil xi Balzanin minn kummentatur Awstraljan waqt li l-Banda King's Own kienet nieżla minn ħdejn l-għassa sal-Knisja. Il-programm dwar il-festa tagħna għandu jiġi mxandar fuq l-istazzjon ta' Melbourne, l-Awstralja.

Wara l-purċissjoni, appena daqqet il-barka, beda jinħaraq in-nar fil-pjazza maħdum minn John Azzopardi u organizzat mill-Każin Marija Annunzjata, u fl-istess waqt beda l-marċ ta' l-aħħar organizzat mill-Każin tal-Banda San Gabriel. Kemm kienu sbieħ; iżda kemm kienu jkunu isbaħ li ma sarux flimkien!

Nistgħu ngħidu li l-festa ta' l-1978 kienet suċċess kbir, kemm min-naħa ta' l-armar ġdid, fosthom il-brazzi tad-dawl maħdumin mill-Każin San Gabriel u l-pavaljuni u l-liedna tal-plastik u l-antarjoli ġodda mżanżna mill-Każin Marija Annunzjata; kif ukoll min-naħa tat-turiżmu. Dan is-suċċess ma kienx jintlaħaq li kieku ma kienx ix-xogħol ħabrieki tad-delittanti kollha. Prosit lil kulħadd.

Guido Borg u Carmel Attard



SHOP WISE!
BUY
CAMPBELL'S SOUPS
AND ENJOY
SUPREME
QUALITY

KUN GHAQLIJA!
IXTRI S-SOPOP **CAMPBELL** U ĦU GOST BIL-KWALITAJIET SUPREMI LI GHANDHOM.
EFFIĊJENZA ŻGURATA DEJJEM
PRODOTTI MILL-AQWA!

Sole Agents — CHARLES DARMANIN & CO. LTD.
32, St. Paul's Str., Valletta. Tel. 624310-491589

TAR-RUŻARJU

● *minn paġna 2*

tar-ram arġentati għamilhom l-arġentier Kalċidon Busuttil. (19)

Fl-1894 l-armla Ġużeppa Caruana miż-Żejtun ħadmet 24 xemgħa ta' ratlejn u nofs il-waħda, erba' torċi u sitt xamgħat għall-artal. (20)

Fl-istess sena l-gandlieri u s-salib ta' l-artal ġew arġentati minn Ġanni Busuttil u Wenzu Castaldi ħadem żewġ fjuretti. (21)

REFERENZI

1. Lib. 66.
2. Ibid. Cit.
3. FERRIS A.: Storia Ecclesiastica di Malta. P. 426
4. Lib. 26
5. Lib. 27
6. Ibid. Cit.
7. Ibid. Cit.
8. Ibid. Cit.
9. Ibid. Cit.
10. Lib. 29 p. 165
11. ALPHERAN P.: Visit Past.
12. Lib. 56
13. Lib. 17
14. Lib. 4
15. Ibid. Cit.
16. Ibid. Cit.
17. Lib. 59
18. Ibid. Cit.
19. Lib. 37
20. Ibid. Cit.
21. Ibid. Cit.

ROKNA GHAT-TFAL

Tfal għeżież

Jekk hawn xi ħaġa fid-dinja li tferraħ qalb il-bniedem u li ġġiblu l-paċi, mingħajr dubju hi l-imħabba lejn l-oħrajn li huma inqas ixxurtjati minna.

Li tagħti lill-oħrajn hi ħaġa iktar sabiħa milli inti stess taqla' mingħand ħaddieħor. Min hu ġeneruż, jiġifieri qalbu f'idejh, issibu dejjem lest li jagħmel ferħan lil min hu inqas ferħan minnu.

Din il-verità narawha wisq tiddi fiż-żmien sabiħ tal-Milied. Infatti Ġesù, li ra l-bnedmin fin-niket u d-dwejjaq tad-dnub, minn Alla sar bniedem biex jagħmel lill-bniedem ferħan u kuntent fil-grazzja t'Alla.

Il-Madonna stess, meta ġiet mgħarrfa mill-Anġlu li Alla għażilha biex tkun l-Omm ta' l-Iben tiegħu, aċċettat bil-ferħa għax kienet taf li hekk ser tferraħ lill-bnedmin kollha u tagħmilhom ħbieb t'Alla .

L-istess rgħajja ta' Betlem meta saru jafu li twieled il-Messija u ġie mqiegħed f'maxtura tal-annimali malajr marru jiġru jqimuh mhux biss lilu iżda wkoll lill-ġenituri fqar tiegħu.

Il-Maġi li ġew mill-Orjent biex iqimu s-sultan tal-Lhud ma ġewx għandu b'idejhom vojta iżda kull wieħed offra xi ħaġa li biha fehem li jferraħ lil din it-tarbija speċjali.

Intom ukoll, tfal, huwa dmir tagħkom li f'dan iż-żmien sabiħ tal-Milied tistudjaw u tfittxu kif tistgħu tferrħu lil xi tifel li tafu li hu inqas ixxurtjat minnkom. Aħsbu biex tagħtuh xi ħaġa, anke li tkun għal qalbkom imma li biha ser tarawh jifraħ u jieħu pjaċir.

Niftakar tajjeb fi tfuliti, wara li kienet tkun għaddiet il-festa ta' l-Istrina, ommi u missieri kienu jiġbru t-'toys' kollha li nkunu qlajna u jħajruna biex minn jeddna noffruhom għat-tfal tal-Missjoni. B'hekk kienu jnisslu fina l-ħsieb tant sabiħ li kull wieħed għandu jfittex li jaqsam il-ferħ tiegħu ma' min forsi ma kienx iffurtunat daqsu.

Fi żmien il-Milied mhux biss għandna nfittxu li nferrħu lill-oħrajn b'xi ħaġa sabiħa li noffrulhom, iżda wkoll, anzi qabel kollox, li nressquhom aktar viċin ta' Ġesù.

Dan nagħmluh billi nbegħduhom minn dak kollu li qed iħassrilhom qalbhom u nuruhom kemm tassew ħabbna Ġesù li minn Alla sar bniedem biex lill-bniedem jagħtih sehem mill-glorja t'Alla.

KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

Din id-darba, erġajna ħsibna li nagħmlulkom xi qwiel (proverbji) Maltin biex naraw kemm tafu minnhom. Għandkom għaxar qwiel imqallbin. Kull ma għandkom tagħmlu hu li tiktbuhom kif verament huma. Mela niġu għalihom.

1. F'kull razza	**qatt ma tagħli**
2. Ir-rebbieħ dejjem	**ifittxu.**
3. Sal-Milied	**ma tmurx il-ġenna.**
4. Min jimxi bil-mod	**qis u erġa' qis.**
5. Omm il-ġifa	**la bard u anqas ksieħ.**
6. Min irid in-nar	**jasal kmieni.**
7. Meta l-Milied taħt il-bejt	**tellief.**
8. Bla qaddisin	**il-Għid fuq il-bejt.**
9. Qabel taqta'	**u imxi għal għajn in-nies.**
10. Kul għal qalbek	**ssib il-paljazza.**

Bħas-soltu, ibagħtu l-kompetizzjoni tagħkom f'envelop magħluq u ndirizzawh lill-Każin tal-Banda "San Gabriel", jew impustawh intom stess fil-letter box ta' l-istess każin. Għandkom żmien sa nhar is-Sibt, 16 ta' Diċembru, 1978.

It-tweġiba tal-kompetizzjoni li dehret fl-aħħar ħarġa kienet — minn FERAĦ tagħmel FERĦA, AĦFER ĦAFER; minn NIBET tagħmel TIBEN, INBET, BNIET; minn SIMEN tagħmel SMIEN, ISMEN, minn KISER tagħmel IKSER, SIKER, ISKER.

Ir-rebbieħ ta' din il-kompetizzjoni kien Alan Caruana, li joqgħod "Carsam", Annunciation Street, Balzan. Il-premju nieħdu ħsieb nibagħtuhulu.

AVVIŻ LIT-TFAL

Infakkru lit-tfal li kull Ewwel Ġimgħa tax-xahar, fil-5.00 p.m. qed issir quddiesa għalihom fil-Knisja. Mill-4.30 'il quddiem ikun hemm il-qassisin kollha tal-Parroċċa biex iqarruhom. Inħeġġu wkoll lill-ġenituri sabiex jibagħtu lil uliedhom għal din il-quddiesa.

TASSEW MILIED BLA KEWKBA

Lill-poeta Charles Caruana

Iżżurna kull sena żugraga
bl-għanjiet fietla li jidħlu ġol-qalb
iżżurna b'vetrini armati sabiħ
mimlija tajjar u rigali
iżżurna bis-siġar mixgħula
u dwalhom jinxtegħlu w jintfew
iżżurna b'bambini fit-twieqi
ġo toroq mudlama
iżżurna b'noveni u talb f'qiegħ il-lejl

iżżurna b'tislijiet kiesħa minn għand dawk fil-qrib
u dawk fil-bogħod
iżżurna bil-ħelu u l-kejk tal-Milied
iżżurna kull sena żugraga
bil-kewkba li tixgħel ġo qalbna
li ma narawx jew naraw ma rridux
b'messaġġi li jifhem il-moħħ
u 'l ruħna bbalzmata jħallu bla ħajja
bi ndiema li tħeġġeġ ġo qalbna għal ftit

imbagħad tkompli l-ħajja tas-soltu
bil-weġgħa ġol-qalb
iżżurna kull sena
u tibqa' żżurna sa l-aħħar
sa meta il-kewkba li tiddi għalxejn
għalina mifruda maqsuma fi tnejn
fix-xejxi li jgħammxu 'l għajnejn
titbissmilna fuq dil-ħajja

tassew milied bla kewkba
jew aħna għomjin

30/11/75 Carmel Attard

INTERVISTA MA' FR. JOE GRECH

minn paġna 1

l-knisja Awstraljana temmen l-istess bħall-knisja Maltija. Id-differenza forsi naraha fil-mod kif tkun mgħallma din id-duttrina. Per eżempju, waqt il-quddiesa n-nies jieħdu parti kważi kważi daqs kemm jieħu l-qassis. Il-kant imexxuh huma waħedhom, u meta dak li nkunu qed inkantaw ikun ħaġa ta' ferħ, anke jċapċpu jibdew. It-talba tal-fidili ssir min-nies stess, waqt li l-omelija tkun anke miftuħa għall-kummenti tan-nies. Mhux l-ewwel darba li l-omelija jagħmluha n-nies stess. Barra minn hekk, kif għidt qabel, qegħdin nippruvaw li kull preparazzjoni li jkollhom bżonn il-parruċċani ssir min-nies stess tal-parroċċa, bħal għajnuna ta' flus, pariri, preparazzjoni għażżwieġ u magħmudija, tagħlim tar-reliġjon fl-iskejjel, u tagħlim mill-Bibbja għall-kbar. B'hekk dejjem irridu nagħtu l-ideja li l-knisja la hi tal-qassisin, u lanqas tiddependi mill-qassisin, iżda hi ta' kulħadd, u kulħadd għandu r-responsabbilta' li jxandar il-kelma t'Alla.

(3) Kemm ilek l-Awstralja kellek xejn kuntatt ma' Maltin?

Meta ssemmi l-Awstralja bilfors trid issemmi l-Maltin, għax hemm għadd ġmielu. U kuntatti bilfors ikollok, għalkemm fejn qiegħed jien il-Maltin m'humiex maġġoranza. U ibqa' ċert illi jekk il-Malti jkollu bżonn xi ħaġa għand il-qassis Malti jiġi, avolja jkollu l-bogħod. Fil-każ tiegħi, i l-Maltin jiġu għandi anke mill-parroċċa ta' madwar fejn qiegħed jien. Anke meta kont bil-vaganzi, ġieli ġew nies ifittxuni minħabba l-affarijiet li jkollhom bżonn. Minħabba f'hekk ħassejna l-bżonn li għal Settembru nagħmlu l-festa tal-Vitorja għall-Maltin. Ikollna quddiesa bil-Malti, purċissjoni bl-inkwatru tal-Bambia, imbagħad immorru niddevertu b'kummiedji bil-Malti, daqq u żfin.

(4) X'inhuma l-pjanijiet tiegħek għall-ġejjieni?

Diffiċli naqra titkellem fuq il-pjanijiet tiegħi għall-futur. Min jaf x'se jkun il-futur? Però, sakemm jiddependi minni, nista' ngħid illi kif nerġa' mmur l-ewwel ħaġa li nagħmel hi li nifforma gruppi mal-parroċċa kollha biex jiltaqgħu kull nhar ta' Ġimgħa jitgħallmu fuq il-Bibbja. Din hija ħaġa li nikkunsidraha ta' importanza kbira. Jekk jista' jkun nixtieq nara l-parroċċa tmxi mingħajri u mingħajr il-qassis l-ieħor li hemm miegħi. Dan jieħu ż-żmien biex tipprepara nies li jkunu 'leaders' fl-affarijiet tal-knisja, però għal hemm mexjin. Naħseb ukoll li fil-futur mhux imbiegħed jien immur f'xi parroċċa biex nieħu ħsiebha waħdi u b'hekk ikolli iktar ċans ninvolvi iktar in-nies fit-tmexxija u fis-servizz tal-knisja. Iżda min jaf Alla x'għandu f'moħħu? Jagħmel Hu!

(5) Għandek xi messaġġ partikulari għall-komunità parrokkjali ta' Ħal Balzan?

Il-messaġġ tiegħi lill-Balzanin huwa l-ewwelnett wieħed ta' ringrazzjament, talli dejjem irrispettaw lili u lill-familja tiegħi. Nirringrazzjahom talli tant inkoraġġewni meta ħadt il-quddiesa erba' snin ilu, u nitlobhom li jiftakru fija fit-talb tagħhom ħalli dejjem insir qaddis. Min-naħa tiegħi, nixħet il-barka t'Alla fuqhom ħalli dejjem jagħmlu s-sewwa, igħożżu l-fidi u jwarrbu kull ħażen minn qalbhom.

PROFILI BALZANIN — 14
DOLORES SCICLUNA



Bix-xieraq li l-ewwel mara tagħna f'din is-sensiela tkun Dolores Scicluna, li għalkemm ix-xogħol tagħha ma tantx deher madankollu ħalla l-frott siewi tiegħu u għamel ġid kbir lil Ħal Balzan.

Dolor twieldet fit-12 t'April, 1913, minn Salvatore Cutajar u Teresa, nee Deguara. Fl-1939 iżżewġet lil Lorenzo Scicluna, li kien minn Bormla, u għal hekk insibu lil Dolor toqgħod għal xi xhur hemmhekk. Kif faqqgħet il-gwerra l-familja Scicluna reġgħet ġiet toqgħod Ħal Balzan. Fl-14 t'April 1942, żewġha safa mejjet waqt attakk mill-għadu u għalhekk Dolor sabet ruħha armla b'tarbija ta' ħames xhur, li hija kienet semmiet Laurence għal żewġha stess.

F'dawn iż-żminijiet insibu li Dolores Scicluna kienet waħda mill-ewwel nisa li bdew jattendu l-Azzjoni Kattolika (meta kien għadu jieħu ħsiebha Dun Karm) u li għalhekk iffurmaw il-bażi biex aktar 'l quddiem fetħet il-Fergħa tan-Nisa ta' l-Azzjoni Kattolika Maltija ġo Ħal Balzan, Hija kienet membru attiv ħafna u ħadmet bis-sħiħ fil-qasam tal-beneficenza. Kienet hija li ġabret il-flus għall-manutenzjoni tad-dar fejn kienet residenti l-A.K. kif ukoll ir-ranġat l-istatwa u n-niċċa li jinsabu fuq il-bieb ta' l-istess dar. Dolor kienet ukoll taħdem il-ħelu għal kull okkażjoni li kienet torganizza l-A.K. kif ukoll taħdem il-ħelu biex jinbiegħ fil-fiera tal-Missjoni li kienet tiġi organizzata l-Belt Valletta. Hija kienet tieħu ħsieb ukoll il-ħelu għall-parties tat-tfal li kienu jiġu organizzati mill-Kappillan, Dun Karm Sciberras, fi żmien il-Milied.

Fi żmien il-Kappillan Dun Ġużepp Minuti, hija kienet tgħin ħafna fit-tindif tal-Knisja kif ukoll ħadet ħsieb biex tiġbor il-flus għall-purtiera tal-bieb il-kbir li tintrama fil-festa titulari. Hija għamlet il-ġummiena tal-lampier il-kbir li tintrama fil-festa' kif ukoll it-trieħi li jintużaw kuljum fl-artali tal-Karmnu u tad-Duluri.

ĊERTIFIKAT LIL TFAJLA BALZANIJA

F'Ottubru li għadda, Josette Rizzo kienet waħda fost il-ħafna tfal u żgħażagħ li ħadu premjijiet u ċertifikati għas-sehem tagħhom f'kompetizzjoni dwar ir-Reliġjon. Il-preżentazzjoni saret mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta, fil-preżenza ta' Dun Eddie Borg Olivier, Spettur tar-Reliġjon fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, Diretturi Spiritwali ta' l-iskejjel, għadd ta' għalliema tar-Reliġjon, u numru kbir ta' studenti.

Il-proġett imressaq minn Josette kien jismu "Kristu matul Ħajti", u hija hejjietu s-sena li għaddiet meta kienet fit-tielet klassi tas-sekondarja. F'dan ix-xogħol hija wriet kif Kristu jaħdem fil-ħajja ta' kull wieħed u waħda minna permezz tas-Sagramenti tiegħu. Josette Rizzo, li tattendi l-Iskola Sekondarja tal-Bniet ta' Santa Venera, ħadmet ħafna f'dan il-proġett u ħadet ix-xogħol b'serjetà kbira.

Ta' min isemmi wkoll li din ma kenitx l-ewwel darba li din it-tfajla minn Ħal Balzan rebħet premju f'dan is-suġġett. Fl-1975, Josette kienet ħadet l-ewwel premju, meta hija kienet għadha fis-sitt sena ta' l-iskola primarja, u s-sena ta' qabel hija kienet ħadet it-tieni premju. Lil Josette nifirħulha minn qalbna u nawgurawlha aktar suċċessi fil-ġejjieni.

MIDALJA OĦRA GĦAS-SUR TONY FENECH

Din is-sena bħal fl-imgħoddi saret wirja filatelika internazzjonali fi Praga taħt l-isem ta' "Praga 78". Bosta kienu l-Maltin li ħadu sehem f'din il-wirja filatelika internazzjonali u bil-pjaċir kollu nħabbru li bosta minnhom kisbu suċċessi f'din il-wirja. Min kien ippremjat b'medalja tad-deheb, min tal-fidda u min tal-bronż. Fost dawk li kisbu medalji tal-fidda u tal-bronż kien il-ħabib u kollega tagħna s-Sur Anthony Fenech bil-kollezzjoni tiegħu "Rare Malta Covers". Din mhix l-ewwel darba li s-Sur Fenech ħa sehem f'wirjiet internazzjonali u ngħidu bi pjaċir li f'dawn il-wirjiet dejjem kellu suċċess. Difatti nsibu li fl-1973 hu kien kiseb medalja tal-bronż f'wirja internazzjonali li kienet saret fil-Polonja. F'dik ta' Espana 75 li saret f'Madrid mar pass 'l quddiem billi rnexxielu jakkwista medalja tal-fidda. Is-sena li għaddiet fil-wirja internazzjonali Amplifex 77 li saret fl-Olanda reġa' akkwista medalja oħra tal-fidda. Is-Sur Fenech kiseb id-dritt li jkun jista' jesebixxi f'wirjiet internazzjonali billi fl-1971 kien rebaħ medalja tal-fidda f'wirja Filatelika Nazzjonali li saret hawn Malta. Fl-1974 f'wirja oħra li saret hawn Malta wkoll kien rebaħ medalja tad-deheb.

Is-Sur Fenech hu kollezzjonista filateliku ferm u ferm attiv. Hu jispeċjalizza fil-bolli ta' Malta u għandu kollezzjoni tassew sabiħa. Kif wieħed jista' jara mis-sehem li ħa f'dawn il-wirjiet, hu dejjem għamel unur lil Malta u lil Ħal Balzan raħal twelidu. Aħna nifirħulu minn qalbna u nawgurawlu suċċessi akbar fil-qasam filateliku.

VALENTINO MUSCAT





MARTELL
The best Cognac in the World!

Sole Agents: Albert V. Mallia Ltd. Valletta. Tel. 624310

Għadu Kemm Ħareġ il-ktieb
MANWEL MAGRI S.J.
ta' Salv Mallia

Ktieb ta' interess kbir dwar il-ħajja u l-ħidma ta' dan il-Ġiżwita, arkeologu, u folklorista Malti. Jinbiegħ mid-djar tal-Ġiżwiti u mingħand il-librara ewlenin.